# 141. Pariri għal għand il-Barbier

Ħabib, meta l-barbier jibda bla tmiem
iredden ġewwa rasek kliem fuq kliem,
ngħidlek issaportih kollok bis-sabar,
inkella tista' tmur ħesrem il-qabar;
ara ma jfettillekx li terfa' jdejk,
tinsiex l-imqass bil-ponta ħdejn għajnejk,
tinsiex il-mus tal-leħja ma' griżmejk.
Ara ma jfettillekx tqum bis-sapun,
titlaq b'nofs leħja għax igħadduk b'miġnun;
jew titlaq b'dak ix-xagħar nofsu maqtugħ,
għax idawruk mill-anqas mitejn ruħ!
Le, ħalli lill-barbier ikun rebbieħ,
ikanta ta' Rossini n-noti sbieħ.
Irmedju ieħor hemm, naqqas kemm tista',
u ħalli 'l xagħrek jikber bħal t'artista.